31995R1448

27.6.1995 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 143/47

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1448/95 tas-26 ta Ġunju 1995 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2123/89 li jistabilixxi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil- Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal- Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad– 29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-laħam tal-majjal ([1]), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3290/94 ([2]), b' mod partikolari l-Artikolu 4(6),

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2123/89 ([3]), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 3236/94 ([4]), li jwaqqaf il-lista ta' swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil- Komunità;

Billi fl-Irlanda u fl-Isvezja seħħet bidla fis-swieq rappreżentattivi; billi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għal-laħam tal-majjal fil-Komunità elenkati fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 għandhom konsegwentement ikunu emendati;

Billi l-miżuri stabbiliti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 huwa emendat kif ġej:

1. punt 7 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "7. Il-grupp ta' swieq li ġej: Cavan, Rooskey, Waterford, Tralee u Mitchelstown."

2. punt 15 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "15. Il-grupp ta' swieq li ġej: Helsinborg, Vara, Trelleborg, Skoevde, Skara, Kalmar, Umeaa, Kaevlinge."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-26 ta Ġunju 1995.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 282, tat-1.11.1975, p. 1
([2]) ĠU L 349, tat-31.12.1994, p. 105
([3]) ĠU L 203, tat-15.7.1989, p. 23
([4]) ĠU L 338, tat-28.12.1994, p. 18